

32006R2030

L 414/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2030/2006**tal-21 ta' Diċembru 2006****li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1607/2000, (KE) Nru 1622/2000 u (KE) Nru 2729/2000 li jikkonċerna s-settur tal-inbid minħabba l-ađeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 58, 46(1) u 72(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1607/2000 tal-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid, b'mod partikolari t-Titolu rrelatat mal-inbid ta' kwalità ffabbrikat f'reġjuni speċifikati ⁽²⁾ jelenka l-inbejjed frizzanti psr li l-cuvée tagħhom jista' jkollha qawwa alkoħolika ta' inqas minn 9,5 % vol. Dak l-Anness għandu jkun emendat biex jinkludi nbejjed prodotti fir-Rumanija.

(2) L-Anness XIII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/2000 tal-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità ta' prattiċi u proċessi oenoloġiċi ⁽³⁾ fih id-derogi li jirrigwardaw il-kontenut ta' aċtu volatili fl-inbid stipulat fil-punt 1 tal-Parti B tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999. Dak l-Anness għandu jkun emendat minħabba l-ađeżjoni tar-Rumanija.

(3) L-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2729/2000 tal-14 ta' Diċembru 2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati ta' implimentazzjoni għall-kontrolli fis-settur tal-inbid ⁽⁴⁾ jiddetermina l-għadd minimu ta' kampjuni li jridu jittieħdu kull sena għall-bank analitiku tad-dejta stipulat fl-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament. Wara l-ađeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, għandu jkun determinat l-għadd ta' kampjuni li jridu jittieħdu għal dawk il-pajjiżi.

(4) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1607/2000, (KE) Nru 1622/2000 u (KE) Nru 2729/2000 għandhom jiġu emendati skont dan,

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1607/2000 huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Fl-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 1622/2000, jiddaħħal il-punt (o) li ġej:

“(o) *għall-inbejjed Rumeni:*

- 25 milliekwivalenti kull litru ta' nbejjed ta' kwalità psr li jissodisfaw ir-rekwiżiti li jridu jiġu deskritti bħala DOC — CT.
- 30 milliekwivalenti kull litru ta' nbejjed ta' kwalità psr li jissodisfaw ir-rekwiżiti li jridu jiġu deskritti bħala DOC — CIB.”

Artikolu 3

Fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 2729/2000, it-tieni sottoparagrafu jinbidel b'li ġej:

- “— 30 kampjun fil-Bulgarija
- 20 kampjun fir-Repubblika Ċeka
- 200 kampjun fil-Ġermanja
- 50 kampjun fil-Greċja
- 200 kampjun fi Spanja
- 400 kampjun fi Franza

⁽¹⁾ ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2165/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 185, 25.7.2000, p. 17.

⁽³⁾ ĠU L 194, 31.7.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1507/2006 (ĠU L 280, 12.10.2006, p. 9).

⁽⁴⁾ ĠU L 316, 15.12.2000, p. 16. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 262/2006 (ĠU L 46, 16.2.2006, p. 22).

- | | |
|------------------------------|-------------------------------|
| — 400 kampjun fl-Italja | — 70 kampjun fir-Rumanija |
| — 10 kampjuni f'Ċipru | — 20 kampjun fis-Slovenja |
| — 4 kampjuni fil-Lussemburgu | — 15-il kampjun fis-Slovakkja |
| — 50 kampjun fl-Ungerija | — 4 kampjuni fir-Renju Unit" |
| — 4 kampjuni f'Malta | |
| — 50 kampjun fl-Awstrija | |
| — 50 kampjun fil-Portugall | |

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ bil-kundizzjoni u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

“ANNESS IV

Lista ta' nbejjed frizzanti ta' kwalità psr li l-cuvée tagħhom jista' jkollu qawwa alkoħolika ta' inqas minn 9,5 % vol.

L-ITALJA

- Prosecco di Conegliano-Valdobbiadene
- Montello e Colli Asolani.

IR-RUMANIJA

- Muscat Spumant Bucium
 - Muscat Spumant Dealu Mare
 - Muscat Spumant Murfatlar
 - Muscat Spumant Alba Iulia
 - Muscat Spumant Iași
 - Muscat Spumant Huși
 - Muscat Spumant Panciu
 - Muscat Spumant Șimleul Silvaniei
 - Muscat Spumant Sebeș Apold
 - Muscat Spumant Târnave”
-